

Brussell, 2 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11482/26

ENV 901
ENT 189
COMPET 916
IND 470
SAN 569
CONSOM 225
MI 741
CHIMIE 95
DELECT 104

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4428 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'30.6.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klorpyrifos

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4428 final.

Mehmuż: C(2026) 4428 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2026
C(2026) 4428 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 30.6.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-klorpyrifos**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti (“POPs”) billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista' jkun, jew jillimita l-manifattura, it-tqegħid fis-suq, u l-użu tas-sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs (“il-Konvenzjoni”). Waqt it-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma, li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, mit-28 ta' April sad-9 ta' Mejju 2025, ġie deċiż li l-klorpyrifos jiġi inkluż fl-Anness A tal-Konvenzjoni b'ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Din id-deċiżjoni jenħtieġ li tkun riflessa fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021. Dan l-att delegat jimplimenta d-Deċiżjoni SC-12/9 biex il-klorpyrifos jiġi elenkat fl-Anness A f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-esperti nnominati mill-Istati Membri ġew ikkonsultati f'laqgħa tal-grupp ta' esperti rilevanti (il-“grupp ta' esperti tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs”) dwar l-abbozz tal-att delegat u tqiesu l-kummenti.

Anki l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, ħadu sehem fid-diskussjonijiet dwar l-ejenkar tal-klorpyrifos fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 fil-“laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs” u tqiesu l-kummenti.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku mill-21 ta' Novembru sad-19 ta' Diċembru 2025 u l-kummenti li waslu appoġġaw l-ejenkar tal-klorpyrifos fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I abbażi tal-iżviluppi skont il-Konvenzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'30.6.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klorpyrifos

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti² ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti³ ("il-Protokoll").
- (2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni għandha tipprojbixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista u/jew tiegħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa biex telimina l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom.
- (3) Waqt il-12-il laqgħa tagħha, li saret bejn it-28 ta' April u d-9 ta' Mejju 2025, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni, li temenda l-Anness A tal-Konvenzjoni biex tinkludi l-klorpyrifos f'dak l-Anness b'eżenzjonijiet speċifiċi. L-Unjoni appoġġjat l-inklużjoni tal-klorpyrifos fl-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi kif deċiż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868⁴.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li anki l-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, li fiha lista tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll, kif ukoll is-sustanzi li hemm elenkati biss fil-Konvenzjoni, tiġi emendata biex tinkludi l-klorpyrifos.
- (5) Fl-Unjoni, il-klorpyrifos mhux awtorizzat bħala sustanza attiva fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u f'prodotti bjoċidali huwa pprojbit skont ir-Regolament (KE)

¹ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

² ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj>.

³ ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2004/259/oj>.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/868 tat-23 ta' April 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tat-talbiet għall-estensjoni ta' eżenzjonijiet speċifiċi u tal-proposti għall-emendi tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2025/868, 12.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/868/oj>).

Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-klorpyrifos ikun elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 mingħajr eżenzjonijiet speċifiċi.

- (6) Biex jissaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit valur limitu għall-klorpyrifos li jfeġġ bħala kontaminant traċċa mhux intenzjonat fis-sustanzi, fit-taħlitiet u fl-oġġetti.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat kif xieraq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).